2023/2540

14.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/2540

tat-13 ta' Novembru 2023

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u 36 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.

(2) F'konformità mal-Artikolu 36(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, il-Kunsill irrieżamina l-listi ta' persuni u entitajiet iddeżinjati li jinsabu fl-Annessi II, III, V u VI għal dik id-Deċiżjoni.

(3) Jenħtieġ li jinżammu l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet kollha fil-listi li jinsabu fl-Annessi II u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, bl-eċċezzjoni ta' persuna deċeduta waħda deżinjata fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni, li l-entrata tagħha jenħtieġ li titneħħa. Jenħtieġ li l-entrati għal 16-il persuna u erba' entitajiet f'dawk l-Annessi jiġu aġġornati.

(4) Fid-29 ta' Ġunju 2023 u fis-16 ta' Awwissu 2023, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-KSNU aġġorna l-informazzjoni relatata ma' 23 persuna u entità waħda fil-lista li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849. Jenħtieġ għalhekk li l-entrati għal 23 persuna u entità waħda fl-Anness I jiġu aġġornati.

(5) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I, II u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huma emendati f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.

ANNESS

(1) L-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa emendat kif ġej:

(a) taħt l-intestatura "Lista ta' persuni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 23(1) u ta' persuni u entitajiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 27(1)", is-subintestatura "A. Persuni", l-entrati 2, 3, 4, 8, 12, 19, 20, 25, 26, 36, 43, 50, 51, 53, 55, 58, 63, 64, 65, 68, 74, 77 u 79 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Psewdonimu	Data tat-twelid	Data tad-deżinjazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
"2.	Ri Je-son	Isem bil-Korean: 리제선; Isem biċ-Ċiniż: 善济李 magħruf ukoll bħala Ri Che Son	Data tat-twelid: 1938	16.7.2009	Eks Ministru għall-Industrija tal-Enerġija Atomika. Ex-Direttur tal-General Bureau of Atomic Energy (GBAE), l-aġenzija ewlenija li tmexxi l-programm nukleari tar-RDPK; iffaċilita diversi inizjattivi nukleari, inkluż il-ġestjoni mill-GBAE tal-Yongbyon Nuclear Research Centre u n-Namchongang Trading Corporation.
3.	Hwang Sok-hwa	Hwang Sok Ha	Data tat-twelid: 26.9.1943	16.7.2009	Direttur fil-General Bureau of Atomic Energy (GBAE); involut fil-programm nukleari tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea; bħala Kap tas-Scientific Guidance Bureau fil-GBAE, serva fil-Kumitat Xjentifiku ġewwa l-Joint Institute for Nuclear Research.
4.	Ri Hong-sop		Data tat-twelid: 26.2.1940 Nazzjonalità: RDPK Indirizz: Pyongyang, DPRK	16.7.2009	Eks direttur tal-Yongbyon Nuclear Research Centre, u Kap tan-Nuclear Weapons Institute, ħa ħsieb tliet faċilitajiet prinċipali li jassistu fil-produzzjoni ta' plutonju għal użu militari: il-Fuel Fabrication Facility, in-Nuclear Reactor, u r-Reprocessing Plant.
8.	Ra Ky'ong-Su	Ra Kyung-Su; Chang, Myong Ho; Chang Myo'ng-Ho; Chang, Myong-Ho; Ra Kyong-Su	Data tat-twelid: 4.6.1954 Numru tal-passaport: 645120196 Nazzjonalità: RDPK	22.1.2013	Ra Ky'ong-Su huwa uffiċjal tat-Tanchon Commercial Bank (TCB). F'din il-kapaċità ffaċilita tranżazzjonijiet għat-TCB. It-Tanchon ġie ddeżinjat mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f'April 2009 bħala l-entità finanzjarja ewlenija tar-RDPK responsabbli għall-bejgħ ta' armi konvenzjonali, missili ballistiċi, u oġġetti relatati mal-assemblaġġ u l-manifattura ta' armi bħal dawn.

	Isem	Psewdonimu	Data tat-twelid	Data tad-deżinjazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
12.	Mun Cho'ng- Ch'o'l	Mun Chong-Chol	Data tat-twelid: 23.12.1964 Nazzjonalità: RDPK Indirizz: C/O Tanchon Commercial Bank, Pyongyang, DPRK, Saemaeul 1-Dong, Pyongchon District	7.3.2013	Mun Cho'ng-Ch'o'l huwa uffiċjal tat-Tanchon Commercial Bank (TCB). F'din il-kapaċità ffaċilita tranżazzjonijiet għat-TCB. It-Tanchon ġie ddeżinjat mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f'April 2009 u huwa l-entità finanzjarja prinċipali tar-RDPK għall-bejgħ ta' armi konvenzjonali, missili ballistiċi, u oġġetti relatati mal-assemblaġġ u l-manifattura ta' armi bħal dawn.
19.	Kang Mun Kil	Jiang Wen-ji; Jian Wenji	Data tat-twelid: 9.2.1963 Numru tal-passaport: PS 472330208 (jiskadi fl-4.7.2017) Nazzjonalità: RDPK Indirizz: DPRK	2.3.2016	Kang Mun Kil wettaq attivitajiet ta' akkwist nukleari bħala rappreżentant ta' Namchongang, magħruf ukoll bħala Namhung.
20.	Kang Ryong		Data tat-twelid: 21.8.1969 Nazzjonalità: RDPK	2.3.2016	Eks Rappreżentant fis-Sirja tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID).
25.	Ko Tae Hun	Kim Myong Gi	Data tat-twelid: 25.5.1972; Numru tal-passaport: 563120630; Data ta' skadenza tal-passaport: 20.3.2018; Nazzjonalità: RDPK	2.3.2016	Uffiċjal tat-Tanchon Commercial Bank.
26.	Ri Man Gon		Data tat-twelid: 29.10.1945; Numru tal-passaport: P0381230469; Data ta' skadenza tal-passaport: 6.4.2016; Nazzjonalità: RDPK	2.3.2016	Eks Ministru tal-Munitions Industry Department (id-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon).

	Isem	Psewdonimu	Data tat-twelid	Data tad-dežinjazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
36.	Kim Sok Chol		Data tat-twelid: 8.5.1955 Nazzjonalità: RDPK Indirizz: Myanmar Numru tal-passaport: 472310082	30.11.2016	Eks Ambaxxatur tar-RDPK għall-Myanmar. Huwa jopera bħala faċilitatur tal-KOMID. Tħallas mill-KOMID għall-assistenza tiegħu u jorganizza laqgħat f'isem il-KOMID, inkluż laqgħa bejn il-persuni relatati mad-difiża tal-KOMID u tal-Myanmar biex jiġu diskussi kwistjonijiet finanzjarji.
43.	Jo Yong-Won	Cho Yongwon	Data tat-twelid: 24.10.1957 Numru tal-passaport: 108210124 (Skadenza: 4 ta' Ġunju 2023) Nazzjonalità: RDPK Sess: raġel Indirizz: DPRK	2.6.2017	Segretarju u Kap tad-Dipartiment għall-Organizzazzjoni u l-Gwida tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u eks Viċi Direttur tad-Dipartiment għall-Organizzazzjoni u l-Gwida tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li jmexxi l-ħatriet ewlenin tal-persunal għall-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u l-militar tar-RDPK.
50.	Pak To Chun	Pak Do Chun; Pak To'-Ch'un	Data tat-twelid: 9.3.1944 Nazzjonalità: RDPK	2.6.2017	Pak To Chun huwa eks Segretarju tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon (MID) u attwalment jagħti pariri dwar affarijiet marbuta mal-programmi nukleari u tal-missili. Kien membru tal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat u huwa membru tal-Bureau Politiku tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Miet fis-27 ta' Lulju 2022.
51.	Ri Jae Il	Ri, Chae-Il	Sena tat-twelid: 1934 Nazzjonalità: RDPK	2.6.2017	Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Propaganda u l-Aġitazzjoni għall-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li jikkontrolla l-media kollha tar-RDPK u li jintuża mill-gvern biex jikkontrolla l-pubbliku. Miet fl-4 ta' Frar 2021.
53.	Ri Yong Mu	Ri Yong-Mu	Data tat-twelid: 25.1.1925 Nazzjonalità: RDPK Indirizz: DPRK		Viċi President tal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat, li tmexxi u tiggwida l-affarijiet kollha tar-RDPK marbuta mal-militar, id-difiża u s-sigurtà, inkluż l-akkwisti. Miet fis-27 ta' Jannar 2022.
55.	Han Jang Su	Chang-Su Han	Data tat-twelid: 8.11.1969 Post tat-twelid: Pyongyang, DPRK: Nazzjonalità: RDPK Nru tal-Passaport: 745420176, jiskadi fid-19.10.2020 Sess: raġel	4.8.2017	Eks Rappreżentant tal-Foreign Trade Bank.

	Isem	Psewdonimu	Data tat-twelid	Data tad-dežinjazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
58.	Jo Chol Song	Cho Ch'o'l-so'ng	Data tat-twelid: 25.9.1984 Nazzjonalità: RDPK Nru tal-Passaport: 654320502, jiskadi fis-16.9.2019 Sess: raġel	4.8.2017	Rappreżentant għall-Korea Kwangson Banking Corporation u eks Viċi Rappreżentant għall-Korea Kwangson Banking Corporation, li tipprovdi servizzi finanzjarji b'appoġġ għat-Tanchon Commercial Bank u l-Korea Hyoksin Trading, entità li taqa' taħt il-Korea Ryonbong General Corporation.
63.	Pak Yong Sik	Pak Yo'ng-sik	Data tat-twelid: 1950 Nazzjonalità: RDPK Indirizz: DPRK	11.9.2017	Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki militari tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, tikkmanda u tikkontrolla l-militar tar-RDPK, u tgħin tidderieġi l-industriji tad-difiża militari tal-pajjiż.
64.	Ch'oe So'k Min	Choe Sok Min	Data tat-twelid: 25.7.1978 Nazzjonalità: RDPK Sess: raġel	22.12.2017	Eks rappreżentant barrani tal-Foreign Trade Bank. Fl-2016, Ch'oe So'k-min kien il-viċi rappreżentant tal-uffiċċju tal-fergħa tal-Foreign Trade Bank f'dik il-lokalità barranija. Huwa kien assoċjat ma' trasferimenti ta' flus kontanti minn dak l-uffiċċju barrani tal-Foreign Trade Bank lejn banek affiljati ma' organizzazzjonijiet speċjali tal-Korea ta' Fuq u operattivi tar-Reconnaissance General Bureau f'lokalitajiet barranin fi sforz sabiex jiġu evitati s-sanzjonijiet.
65.	Chu Hyo'k	Ju Hyok	Data tat-twelid: 23.11.1986 Nru tal-passaport 836420186, maħruġ.fit-28.10.2016 (jiskadi fit-28.10.2021); Nazzjonalità: RDPK Sess: raġel	22.12.2017	Eks Viċi rappreżentant barrani tal-Foreign Trade Bank.
68.	Kim Tong Chol	Kim Tong-ch'o'l	Data tat-twelid: 28.1.1966 Nazzjonalità: RDPK Sess: raġel Nru tal-Passport: a) 927234267 b) 108120258 (maħruġ mir-RDPK fl-14.2.2018; data ta' skadenza 14.2. 2023)	22.12.2017	Eks Viċi rappreżentant barrani tal-Foreign Trade Bank.

	Isem	Psewdonimu	Data tat-twelid	Data tad-dežinjazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
74.	Pak Mun Il	Pak Mun-il	Data tat-twelid 1.1.1965 Numru tal-passaport: 563335509 jiskadi fis-27.8.2018. Nazzjonalità: RDPK Sess: raġel	22.12.2017	Eks rappreżentant barrani tal-Korea Daesong Bank.
77.	Ri Pyong Chul	Ri Pyong Chol, Ri Pyo'ng-ch'o'l	Sena tat-twelid: 1948 Nazzjonalità: RDPK Sess: raġel Indirizz: DPRK	22.12.2017	Segretarju tal-Partit tal-Ħaddiema u Membru tal-Bureau Politiku. Eks Membru supplenti tal-Bureau Politiku tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u l-Ewwel Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon.
79.	Ri U'n So'ng	Ri Eun Song; Ri Un Song	Data tat-twelid: 23.7.1969 Nazzjonalità: RDPK Sess: raġel	22.12.2017	Eks rappreżentant barrani tal-Korea Unification Development Bank."

(b) taħt l-intestatura Lista ta' persuni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 23(1) u ta' persuni u entitajiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 27(1)", subintestatura "B. Entitajiet", l-entrata 28 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Psewdonimu	Lokalità	Data tad-dežinjazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
"28.	Munitions Industry Department (Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon)	Military Supplies Industry Department (Dipartiment tal-Industrija tal-Provvisti Militari); MID; Machine Industry Department (Dipartiment tal-Industrija tal-Makkinarju)	Pyongyang, DPRK	2.3.2016	Id-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon (MID) huwa involut f'aspetti ewlenin tal-programm ta' missili tar-RDPK. L-MID huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-iżvilupp tal-missili ballistiċi tar-RDPK, inkluż it-Taepo Dong-2. L-MID jissorvelja l-programmi tal-produzzjoni tal-armi u ta' R&Ż tar-RDPK, inkluż il-programm tal-missili ballistiċi tar-RDPK. Is-Second Economic Committee (it-Tieni Kumitat Ekonomiku) u s-Second Academy of Natural Sciences (it-Tieni Akkademja ta' Xjenzi Naturali) — iddežinjati wkoll f'Awwissu 2010 — huma jaqgħu taħt l-MID. Fis-snin reċenti l-MID ħadem biex jiżviluppa l-KN08 road-mobile ICBM. L-MID jissorvelja l-programm nukleari tar-RDPK. In-Nuclear Weapons Institute jaqa' taħt l-MID."

(2) L-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa emendat kif ġej:

(a) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom", is-subintestatura "A. Persuni", l-entrata 3 titħassar u l-entrati 4, 7, 10, 11, 17, 28, 29 u 31 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Psewdonimu	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
"4.	PAK Jae-gyong 박재경	PAK Chae-Kyong PAK Jae Gyong	Data tat-twelid: 10.6.1933 Numru tal-passaport: 554410661 Sess: raġel	22.12.2009	Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Poplu u eks Viċi Direttur tal-Uffiċċju tal-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Poplu (konsulent militari tal-mejjet Kim Jong-Il). Kien preżenti waqt l-ispezzjoni tal-Kmand tal-Forzi Ballistiċi Strateġiċi minn Kim Jong Un fl-2012. Eks membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. President tal-Kumitat Korean tal-Veterani kontra l-Imperjaliżmu. Pak Jae Gyong ġie deskritt bħala membru tal-veteran cadres mistieden għal ikliet ma' Kim Jong Un fi Pyongyang fid-9 ta' Settembru 2022 fl-okkażjoni tal-74 anniversarju mit-twaqqif tar-RDPK.

	Isem	Psewdonimu	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
7.	KIM Yong Chol 김영철	KIM Yong-Chol; KIM Young-Chol; KIM Young-Cheol; KIM Young-Chul	Data tat-twelid: 1946 Post tat-Twelid: Pyongan-Pukto, DPRK Sess: raġel	19.12.2011	Membru supplenti tal-Bureau Politiku u Membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, Membru tal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u, minn Ġunju 2023, Konsulent tad-Dipartiment tal-Front Magħqud. Eks Kmandant tal-Uffiċċju Ġenerali tar-Rikonjizzjoni (Reconnaissance General Bureau (RGB)), entità sanzjonata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
10.	HONG Sung-Mu 홍승무	HONG Sung Mu	Data tat-twelid: 1.1.1942 Sess: raġel	20.5.2016	Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon (Munitions Industry Department (MID)). Il-MID – iddeżinjat mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fit-2 ta' Marzu 2016 – huwa involut f'aspetti ewlenin tal-programm tal-missili tar-RDPK. Il-MID huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-iżvilupp tal-missili ballistiċi tar-RDPK, inkluż il-programmi ta' riċerka u żvilupp. Bħala tali, Hong huwa responsabbli għal programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Kien xhud għall-illanċjar tal-missila ballistika interkontinentali Hwasong-15 fit-28 ta' Novembru 2017. F'Lulju 2020 ipparteċipa f'laqgħa tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea ddedikata għad-"deterrenza mill-gwerra", ewfemiżmu użat biex jirreferi għall-programm nukleari tar-RDPK. Rielett għall-Kumitat Ċentrali tal-Partit f'Jannar 2021. F'Marzu 2023, deher f'ritratti ma' Kim Jong Un jispezzjona l-allegati testati nukleari lesti biex jiġu mmuntati fuq missili ballistiċi.
11.	JO Kyongchol 조경철	JO Kyong Chol	Sess: raġel	20.5.2016	Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Maħtur bħala Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea f'Ġunju 2022, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Direttur tal-Kmand Militari tas-Sigurtà. Bħala tali, responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Akkumpanja lil Kim Jong Un għall-akbar taħriġ li qatt sar tal-artillerija li twassal fit-tul. Rielett għall-Kumitat Ċentrali tal-Partit f'Jannar 2021.

	Isem	Psewdonimu	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
17.	PAK Jong-chon 박정천	PAK Jong Chon	Sess: raġel	20.5.2016	Eks Membru tal-Presidju tal-Bureau Politiku tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema, eks Viċi President tal-Kummissjoni Militari Ċentrali, eks Segretarju tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Membru tal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat, Marixxall u eks Kap tal-Persunal Ġenerali. Wettaq ir-rieżami formali fil-parata militari tal-25 ta' April 2022, li jindika r-rwol tiegħu fl-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva u r-responsabbiltà tiegħu għalihom.
28.	Kim Su Gil 김수길	Kim Su-gil	Data tat-twelid: 1950	21.4.2022	Fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur tal-Bureau Politiku Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean bejn l-2018 u l-2021 u Membru tal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat bejn l-2019 u l-2021, u l-pożizzjoni tiegħu fl-2023 bħala l-Kap Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tal-Belt ta' Pyongyang u Membru Supplenti tal-Bureau Politiku, huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, relatati mal-iżvilupp ta' programmi nukleari u ballistiċi bi ksur tar-Riżoluzzjonijiet 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017), 2375 (2017), u 2397 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
29.	JON Il Ho 전일호	JON Il-Ho	Data tat-twelid: 1955 jew 1956 Nazzjonalità: RDPK Sess: raġel	21.4.2022	Fil-kapaċità tiegħu bħala President tal-Kumitat tal-Akkademja għar-Riċerka dwar id-Difiża tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea (Workers' Party of Korea (WPK)) u membru tal-Kumitat Ċentrali tad-WPK, huwa għandu rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-programmi tar-RDPK dwar l-armi ta' qerda massiva u huwa responsabbli għalih. Promoss għal Kurunell Ġenerali f'Awwissu 2019, irċieva l-Premju għax-Xjenza u t-Teknoloġija tas-16 ta' Frar, Direttur tal-Istitut tar-Riċerka tal-Awtomatizzazzjoni u Direttur tal-Istitut tal-Università tat-Teknoloġija Kim Chaek, u Viċi Direttur ta' Dipartiment tal-Kumitat Ċentrali tad-WPK, huwa pparteċipa fl-illanċjar tal-missila ballistika interkontinentali (ICBM) Hwasong-14 fl-4 ta' Lulju 2017 u t-28 ta' Lulju 2017, kif ukoll il-biċċa l-kbira ta' llanċjar ieħor ta' missili fl-2017, l-2019 u f'Marzu 2020.

	Isem	Psewdonimu	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
31.	YU Jin 유진	YU Jin	Data tat-twelid: 1960 Nazzjonalità: RDPK Sess: raġel	21.4.2022	Fil-kapaċità tiegħu bħala eks Direttur tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon u, mill-1 ta' Jannar 2023, Membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, huwa responsabbli talli kellu rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-programmi tar-RDPK dwar l-armi ta' qerda massiva kemm fl-oqsma nukleari kif ukoll f'dawk ballistiċi. Huwa akkumpanja lil Kim Jong Un fl-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Iżvilupp tal-Ajruspazju qabel l-illanċjar ta' missili ballistiċi interkontinentali (ICBM) ta' Marzu 2022 u ħa sehem fil-Wirja tad-Difiża Nazzjonali tal-2021, li apparentement uriet sistemi ta' armi ġodda. Bħala Viċi Direttur, huwa kien preżenti waqt it-testijiet tal-ICBM Hwasong-14 tal-4 ta' Lulju 2017 u t-28 ta' Lulju 2017, kif ukoll waqt l-ispezzjoni minn Kim Jong Un ta' tip ġdid ta' sottomarin, li r-RDPK indikat li kien intiż għall-iskop "strateġiku" li jiġu skjerati missili ballistiċi llanċjati minn sottomarini, li possibbilment kapaċi jġorru testati nukleari, fit-22 ta' Lulju 2019 u l-illanċjar ta' missili ballistiċi fil-25 ta' Lulju u t-30 ta' Lulju 2019, u fit-2 ta' Awwissu 2019."

(b) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom", is-subintestatura "B. Entitajiet", l-entrata 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Psewdonimu	Lokalità	Data tad-dežinjazzjoni	Informazzjoni oħra
"4.	Ċentru ta' Riċerka Xjentifika Nukleari ta' Yongbyon 녕변 원자력 연구소 영변 원자력 연구소			22.12.2009	Faċilitajiet li kapaċi jipproduċu materjal fissili għal użi militari, inkluż reattur ta' 5MW (e), faċilità ta' riproċessar tal-plutonju (laboratorju radjukimiku), u faċilità rappurtata għall-arrikkiment tal-uranju. Iċ-Ċentru jiddependi mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (entità ddežinjata mill-KSNU, 16.7.2009). Fir-rapport finali tiegħu ta' Marzu 2023, il-Bord ta' Esperti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1874 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU nnota indikazzjonijiet ta' testijiet possibbli tas-sistema tat-tkessiħ bl-ilma fir-Reattur tal-Ilma Ħafif, immaġnijiet bis-satellita li juru li r-reattur ta' 5MW kien kompla jopera u sinjali intermittenti ta' duħħan miċ-ċumnija tal-impjant termali tal-laboratorju radjukimiku. Traċċi ta' fwar mill-bini tal-produzzjoni tad-diossidu tal-uranju probabbilment indikaw li r-RDPK kienet ser tkompli l-produzzjoni ta' materjal fissili."

(3) L-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa emendat kif ġej:

(a) taħt l-intestatura "Lista ta' persuni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 23(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 27(1)", is-subintestatura "A. Persuni", l-entrati 8, 10, 11, 12, 13, 14, 15 u 31 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
"8.	KIM Chang Hyok magħruf ukoll bħala: James Kim 김창혁	Data tat-twelid: 29.4.1963 Post tat-twelid: N. Hamgyong Numru tal-passaport: 472130058	22.1.2018	Kim Chang Hyok ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala r-rappreżentant tal-Pan Systems Pyongyang fil-Malasja. Il-Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Il-Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mill-Uffiċċju Ġenerali tar-Rikonjizzjoni, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu. Huwa stabbilixxa diversi kontijiet fil-Malasja f'isem il-kumpaniji faċċata "Glocom", hija stess kumpanija faċċata tal-entità ddežinjata Pan Systems Pyongyang. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li l-Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi.
10.	RYANG Su Nyo 량수니오	Data tat-twelid: 11.8.1959 Post tat-twelid: Ġappun	22.1.2018	Direttur tal-Pan Systems Pyongyang. Il-Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Il-Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mill-Uffiċċju Ġenerali tar-Rikonjizzjoni, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li l-Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi.
11.	PYON Won Gun 변원군	Data tat-twelid: 13.3.1968 Post tat-twelid: S. Phyongan Numru tal-passaport tas-servizz: 836220035 Numru tal-passaport: 290220142	22.1.2018	Direttur ta' Glocom, kumpanija faċċata tal-Pan Systems Pyongyang. Il-Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Il-Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mill-Uffiċċju Ġenerali tar-Rikonjizzjoni, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu,. Il-Glocom tirreklama tagħmir tal-komunikazzjoni bir-radju għal organizzazzjonijiet militari u paramilitari. Pyon Won Gun ġie identifikat ukoll mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li l-Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
12.	PAE Won Chol 배원철	Data tat-twelid: 30.8.1969 Post tat-twelid: Pyongyang Numru tal-Passaport Diplomatiku: 654310150	22.1.2018	Pae Won Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Il-Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Il-Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mill-Uffiċċju Ġenerali tar-Rikonjizzjoni, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu,. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li l-Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi.
13.	RI Sin Song 리신송		22.1.2018	Ri Sin Song ġiet identifikata mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Il-Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Il-Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mill-Uffiċċju Ġenerali tar-Rikonjizzjoni, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li l-Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi.
14.	KIM Sung Su 김성수		22.1.2018	Kim Sung Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala r-rappreżentant ta' Pan Systems Pyongyang fiċ-Ċina. Il-Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Il-Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mill-Uffiċċju Ġenerali tar-Rikonjizzjoni, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li l-Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi.
15.	KIM Pyong Chol 김병철		22.1.2018	Kim Pyong Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Il-Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Il-Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mill-Uffiċċju Ġenerali tar-Rikonjizzjoni, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li l-Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
31.	O Yong Ho	Data tat-twelid: 25.12.1961 Numru tal-passaport: 108410041 Nazzjonalità: RDPK Sess: raġel	12.12.2022	Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant f'Moska, il-Federazzjoni Russa, b'rabtiet diretti mas-Second Academy of Natural Sciences, O Yong Ho, bi status diplomatiku, jieħu sehem f'attivitajiet għal entità sanzjonata kif jinsab fil-UNSCR 2094 (2013). Din l-entità hija magħrufa għall-attivitajiet ta' proliferazzjoni tagħha li huma ta' benefiċċju għall-programmi tar-RDPK marbuta mal-armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Huwa fittex li jakkwista oġġetti applikabbli għall-missili minn pajjiżi terzi f'isem il-programm tal-missili tar-RDPK, inkluż fibra tal-aramid, tubi tal-azzar inossidabbli, u ball bearings. Huwa fittex ukoll li jakkwista diversi oġġetti kkontrollati min-Nuclear Suppliers Group b'applikazzjonijiet ta' missili ballistiċi, inkluż ħajt ta' Kevlar, fibra tal-aramid, żejt tal-avjazzjoni, ball bearings, u magni tal-maċinazzjoni bi preċiżjoni. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta mal-armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew armi oħrajn ta' qerda massiva."

(b) taħt l-intestatura "Lista ta' persuni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 23(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 27(1)", is-subintestatura "B. Entitajiet", l-entrati 4, 5 u 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem (u prewdonimi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
"4.	Pan Systems Pyongyang magħrufa wkoll bħala Wonbang Trading Co.; Glocom; International Golden Services; International Global System	Indirizz: Room 818, Pothonggang Hotel, Ansan-Dong, Pyongchon district, Pyongyang, DPRK.	16.10.2017	Il-Pan Systems assistiet fl-evażjoni ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi jew materjal relatat lill-Eritrea. Il-Pan Systems hija wkoll ikkontrollata minn, u taħdem f'isem, l-Uffiċċju Ġenerali tar-Rikonjizzjoni, entità li ġiet iddeżinjata min-Nazzjonijiet Uniti. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li l-Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi.
5.	Eritech Computer Assembly & Communication Technology PLC	Indirizz: Denden Street N028, Asmara, 257, Eritrea	21.4.2022	L-Eritech Computer Assembly & Communication technology PLC tqiegħdet taħt l-awtorità jew taħt id-direzzjoni tal-Forzi ta' Difiżi tal-Eritrea u hija domiċiljata fil-kumpless tagħhom tal-Asha Golgol Military Technical Center, użat għall-produzzjoni, il-modifika jew it-tiswija ta' apparat ċivili u militari u paramilitari. Hija involuta fl-evażjoni ta' sanzjonijiet u responsabbli għall-appoġġ tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK billi ġiet identifikata bħala r-riċevitur intiż f'Lulju 2016 ta' kunsinna miċ-Ċina ta' tagħmir ta' komunikazzjonijiet militari li oriġina mir-RDPK. Il-biċċa l-kbira tat-tagħmir ikkonċernat ġie mill-GLOCOM, kumpanija tar-RDPK speċjalizzata fil-forniment ta' tagħmir ta' trażmissjoni militari, marbuta mas-servizzi ta' intelligence tar-RDPK bi ksur, b'mod partikolari, tar-Riżoluzzjoni tal-KSNU 2270 (2016). Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li l-Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi.

	Isem (u prewdonimi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
6.	Korea General Corporation for External Construction (Psewdonomi: KOGEN, GENCO) 조선대외건설총회사	Indirizz: Taedonggang District, Pyongyang, Democratic People's Republic of Korea	21.4.2022	Il-Korea General Corporation for External Construction (KOGEN) irreklamat lilha nnifisha bħala li qed tuża impjegati tar-RDPK għal proġetti f'pajjiżi oħra, inkluż permezz tal-portal tal-internet uffiċjali tar-RDPK Naenara. Il-KOGEN hija, b'hekk, involuta fl-evażjoni tas-sanzjonijiet billi tikser ir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 2397 (2017), li tipprojbixxi l-istazzjonament ta' ħaddiema barranin li l-pagi tagħhom jitħallsu lill-gvern tar-RDPK u li jistgħu jintużaw biex jappoġġaw il-programmi nukleari u ta' missili ballistiċi, u hija responsabbli għall-appoġġ finanzjarju tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK peress li tittrasferixxi l-pagi kollha jew parti minnhom tal-ħaddiema li tibgħat barra mill-pajjiż lir-reġim, prattika pprojbita mir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 2397 (2017)."

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2540/oj